

32002D0605

24.7.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 195/74

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tas-17 ta' Lulju 2002****li tirrigwarda l-kwestjonarju li għandu x'jaqsam mad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE dwar il-kontroll tar-riskji ta' inċidenti maġġuri li jinvolvu s-sustanzi perikolużi***(innotifikata bin-numru tad-dokument C(2000) 2656)*

(2002/605/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

*L-Artikolu 1*Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll tar-riskji ta' l-inċidenti maġġuri li jinvolvu s-sustanzi perikolużi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Il-kwestjonarju kif mehmuż ma' l-Anness huwa hawhekk adottat.

L-Artikolu 2

Billi:

L-Istati Membri għandhom ifasslu rapport li jkopri l-perjodu taż-żmien mis-sena 2002 sas-sena 2005 inklussivi skond il-kwestjonarju fl-Anness.

(1) L-Artikolu 19(4) tad-Direttiva 96/82/KE teħtieġ illi l-Istati Membri jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fuq il-bażi ta' kull tliet snin.

L-Artikolu 3(2) Dan ir-rapport irid jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' kwestjonarju jew deskrizzjoni fil-qosor abbozzati mill-Kummissjoni skond il-proċedura ddikjarata fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE tat-23 ta' Diċembru 1991 dwar ir-rapporti ta' standardizzazzjoni u razzjonalizzazzjoni rigward l-implimentazzjoni ta' ċerti Direttivi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent ⁽²⁾.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu dan ir-rapport lill-Kummissjoni l-iktar tard sat-30 ta' Settembru 2006.

L-Artikolu 4

(3) Il-perjodu taż-żmien ta' tliet snin ikopri s-snin mis-sena 2003 sas-sena 2005 inklussivi.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Lulju 2002.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE,

Għall-Kummissjoni

Margot WALLSTRÖM

Membru tal-Kummissjoni⁽¹⁾ ĠU L 10, ta' l-14.1.1997, p. 13.⁽²⁾ ĠU L 377, ta' l-31.12.1991, p. 48.

L-ANNESS

Il-kwestjonarju għar-rapport ta' tliet snin riferit fl-Artikolu 19(4) tad-Direttiva 96/82/KE dwar il-kontroll tar-riskji ta' inċidenti maġġuri li jnvolvu s-sustanzi perikolużi (is-Seveso II)**1. Tagħrif ġenerali**

- (a) Min huma l-awtoritajiet kompetenti prinċipali responsabbli mill-infurzar tad-Direttiva Seveso II u liema huma l-kompiti prinċipali tagħhom?
- (b) Għal kull waħda mit-tliet snin koperti bil-perjodu taż-żmien tar-rappurtaġġ⁽¹⁾:
- (i) kemm-il stabbiliment kien bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 u mhux għad-dispożizzjoni li tittrasponi l-Artikolu 9? (stabbilimenti ta' l-"indana ta' taħt")
 - (ii) kemm-il stabbiliment kien bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li jittrasponu l-Artikolu 9? (l-istabbilimenti ta' l-"indana ta' fuq")
 - (iii) kemm-il stabbiliment ma kienx kopert b'din id-Direttiva u daħal fil-kategorija ta' l-"indana ta' taħt", minħabba l-emendi għad-Direttiva jew l-iskema tal-klassifika tas-sustanzi perikolużi? (L-istabbilimenti li ma kinux koperti b'din id-Direttiva u li issa huma koperti bid-dispożizzjonijiet ta' l-"indana ta' taħt" għall-ewwel darba f'din is-sena korrenti, minħabba bidla leġiżlattiva)
 - (iii) kemm-il stabbiliment "mhux tas-Seveso" daħal fil-kategorija ta' l-"indana ta' fuq", minħabba l-emendi għad-Direttiva jew l-iskema tal-klassifika tas-sustanzi perikolużi? (L-istabbilimenti li ma kinux koperti bid-Direttiva u li issa huma koperti bid-dispożizzjonijiet ta' l-indana ta' fuq)
 - (iii) kemm-il stabbiliment "ta' l-indana ta' taħt tas-Seveso" daħlu fil-kategorija "ta' l-indana ta' fuq", minħabba l-emendi għad-Direttiva jew l-iskema tal-klassifika tas-sustanzi perikolużi? (L-istabbilimenti ta' l-indana ta' taħt li saru parti mill-istabbilimenti ta' l-indana ta' fuq)
 - (iii) kemm-il stabbiliment "ta' l-indana ta' taħt tas-Seveso" ma għadux iktar fl-iskop tad-Direttiva jew ta' l-iskema tal-klassifika tas-sustanzi perikolużi? (L-istabbilimenti ta' l-indana ta' taħt li m'għadhomx iktar bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-Seveso)
 - (iii) kemm-il stabbiliment "ta' l-indana ta' fuq tas-Seveso" sar tal-kategorija ta' l-"indana ta' taħt", minħabba l-emendi għad-Direttiva jew l-iskema tal-klassifika tas-sustanzi perikolużi?
 - (iii) kemm-il stabbiliment "ta' l-indana ta' fuq tas-Seveso" m'għadux iktar fl-iskop tad-Direttiva, minħabba l-emendi għad-Direttiva jew l-iskema tal-klassifika tas-sustanzi perikolużi? (L-istabbilimenti ta' l-indana ta' fuq li m'għadhomx iktar bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-Seveso)

2. Rapporti dwar is-sigurtà

- (a) In-numru totali ta' l-istabbilimenti li jdħlu fl-iskop ta' l-Artikolu 9 li għadhom ma sottomettew l-ebda rapport dwar is-sigurtà (mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva) fl-aħħar ta' kull waħda mis-snin koperti bil-perjodu taż-żmien tar-rappurtaġġ?
- (b) Fil-31 ta' Diċembru 2005, kemm-il stabbiliment ta' l-indana ta' fuq kienu fl-istat li:
- (i) ir-rapport tagħhom dwar is-sigurtà kien aġġornat għall-aħħar darba qabel l-1 ta' Jannar 2003;
 - (ii) ir-rapport tagħhom dwar is-sigurtà kien aġġornat għall-aħħar darba matul is-sena 2003;
 - (iii) ir-rapport tagħhom dwar is-sigurtà kien aġġornat għall-aħħar darba matul is-sena 2004;
 - (iv) ir-rapport tagħhom dwar is-sigurtà kien aġġornat għall-aħħar darba matul is-sena 2005;
 - (v) id-data ta' l-aħħar aġġornament mhix magħrufa.
- (c) X'inhu l-perjodu medju taż-żmien bejn meta ġie rċevut rapport u l-komunikazzjoni tal-konklużjonijiet lill-operatur?
- (d) It-tweġiba għal din il-mistoqsija mhix obligatorja. Fil-kuntest tar-reċensjoni tar-rapport dwar is-sigurtà, kif meħtieġ skond l-Artikolu 9(5), l-operatur jista' jeżamina mill-ġdid ir-rapport dwar is-sigurtà u wara jiddeċiedi li ma jerġax jirrevedih. F'dan il-każ fil-31 ta' Diċembru 2005, kemm-il stabbiliment ta' l-indana ta' fuq kien fl-istat li:
- (i) ir-rapport tiegħu dwar is-sigurtà kien rivedut għall-aħħar darba qabel l-1 ta' Jannar 2003 u r-reviżjoni tiegħu ma wasslet għall-ebda bidla fir-rapport dwar is-sigurtà;
 - (ii) ir-rapport tiegħu dwar is-sigurtà kien rivedut għall-aħħar darba matul is-sena 2003 u r-reviżjoni tiegħu ma wasslet għall-ebda bidla fir-rapport dwar is-sigurtà;
 - (iii) ir-rapport tiegħu dwar is-sigurtà kien rivedut għall-aħħar darba matul is-sena 2004 u r-reviżjoni tiegħu ma wasslet għall-ebda bidla fir-rapport dwar is-sigurtà;
 - (iv) ir-rapport tiegħu dwar is-sigurtà kien rivedut għall-aħħar darba matul is-sena 2005 u r-reviżjoni tiegħu ma wasslet għall-ebda bidla fir-rapport dwar is-sigurtà;
 - (v) id-data ta' l-aħħar reviżjoni mhix magħrufa.

⁽¹⁾ Il-mistoqsijiet (i) sa (viii) li ġejjin huma rilevanti biss għall-Istati Membri li ma jkunux ittrasmettew it-tagħrif korrispondenti lill-Kummissjoni permezz tas-sistema SPIRS.

3. Pjani ta' emerġenza

1. Kemm-il stabbiliment ta' l-indana ta' fuq m'għandux pjan intern ta' emerġenza kif meħtieġ skond ⁽¹⁾ l-Artikolu 11(1)(a) tad-Direttiva?
2. Kemm-il stabbiliment ta' l-indana ta' fuq għandu pjan intern ta' emerġenza, kif meħtieġ skond l-Artikolu 11(1)(a) tad-Direttiva?
3. Għal kemm-il stabbiliment ta' l-indana ta' fuq is-sitwazzjoni taħt stima tirrigwarda l-eżistenza ta' plan intern ta' emerġenza?
4. Kemm hemm stabbiliment ta' l-indana ta' fuq għandhom pjani esterni ta' emerġenza mhux imfassla mill-awtoritajiet innominati, kif riferit fl-Artikolu 11(1)(ċ) tad-Direttiva? (Għandha tiġi miżjuda deskrizzjoni fil-qosor jekk in-numru mhux żero.)
5. Aġhti spjegazzjoni fil-qosor tal-manjiera kif jiġu ttestjati l-pjani esterni ta' emerġenza (p.e. test parzjali, test intier li jinvolvi s-servizza ta' l-emerġenza, *desk top*, eċċ) u speċifika l-kriterji użati sabiex jiġi kkunsidrat illi l-pjan estern ta' emerġenza ġie ttestjat.
6. Għal kemm-il stabbiliment ta' l-indana ta' fuq kien ittestjat il-pjan estern ta' emerġenza għall-aħħar darba fis-sena 2003?
7. Għal kemm-il stabbiliment ta' l-indana ta' fuq kien ittestjat il-pjan estern ta' emerġenza għall-aħħar darba fis-sena 2004?
8. Għal kemm-il stabbiliment ta' l-indana ta' fuq kien ittestjat il-pjan estern ta' emerġenza għall-aħħar darba fis-sena 2005?
9. (d) F'kemm każijiet iddeċidew l-awtoritajiet kompetenti, invista ta' l-informazzjoni li tinsab fir-rapport dwar is-sigurtà, li l-ħtieġa li jiġi prodott pjan estern ta' emerġenza m'għandhiex tapplika, kif kopert bl-Artikolu 11(6)? Ispjega u ġġustifika l-każijiet fil-qosor.

4. Effetti domino

- (a) Ipprovi tagħrif ġenerali ta' sfond dwar il-metodoloġija sabiex jiġu identifikati l-istabbilimenti jew il-gruppi ta' l-istabbilimenti riferiti fl-Artikolu 9(1).
- (a) Kemm ġew identifikati stabbilimenti u gruppi ta' stabbilimenti, meta l-probabbiltà u l-possibiltà jew il-konsegwenzi ta' inċident maġġuri jistgħu jiżdedu minħabba l-lokazzjoni u l-prossimità ta' dawn l-istabbilimenti, kif imsemmi fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva dwar l-effett domino?
- (ċ) X'inhu n-numru medju ta' l-istabbilimenti għal kull grupp? (mhux obbligatorju)
- (d) X'inhu n-numru ta' l-istabbilimenti ta' l-iżgħar grupp? (il-grupp bl-iżgħar numru ta' stabbilimenti) (mhux obbligatorju)
- (e) X'inhu n-numru ta' l-istabbilimenti ta' l-ikbar grupp? (il-grupp bl-ikbar numru ta' stabbilimenti) (mhux obbligatorju)
- (f) X'inhija l-istrateġija segwita sabiex jiġi żgurat illi jiġi skambjat it-tagħrif xieraq fil-manjiera approprijata għall-istabbilimenti li x'aktarx jiġu affettwati bl-effett domino? Uri b'dijagrammi l-istrateġija ta' eżempju konkret jew tnejn u enfasizza id-diffikultajiet iffaċċjati fil-prattika.

5. Pjanifikazzjoni ta' l-użu ta' l-art

Ipprovi tagħrif ġenerali ta' sfond dwar il-miżuri koncreti sabiex jitwettqu l-miri ta' l-Artikolu 12 b'mod ġenerali u, b'mod partikolari, sabiex jiġi żgurat il-kontroll ta' l-iżviluppi l-ġodda madwar is-siti li jeżistu kif ukoll ta' kif jiġu lokati s-siti l-ġodda.

6. Tagħrif dar il-miżuri dwar is-sigurtà

1. Kemm-il stabbiliment għarraf lill-pubbliku, għall-inqas darba matul il-perjodu taż-żmien bejn is-sena 2003 u l-2005, skond l-Artikolu 13?
2. Dwar kemm-il stabbiliment l-awtoritajiet kompetenti għamlu disponibbli lil Stati Membri oħra tagħrif biżżejjed sabiex jgħinuhom iħejju pjani ta' emerġenza, kif meħtieġa fl-Artikolu 13(2)?
3. Dwar kemm-il stabbiliment l-awtoritajiet kompetenti rċewew tagħrif biżżejjed minn Stati Membri oħra sabiex jgħinuhom iħejju plani ta' emerġenza, kif meħtieġa fl-Artikolu 13(2)?
4. F'kemm-il każ l-awtoritajiet kompetenti pprovdew tagħrif lil Stat Membru ieħor dwar l-istabbilimenti, qrib it-territorju ta' Stat Membru ieħor, li mhux kapaċi joħlqu riskju ta' inċident maġġuri lil hinn mill-konfini tiegħu, kif riferit fl-Artikolu 13(3)?
5. Iddeskrivi fil-qosor l-istrateġija sabiex tgħarraf lill-pubbliku. Min hu responsabbli li jgħarraf lill-pubbliku? Liema mezz jintużaw sabiex jgħarraf lill-pubbliku? Min iġorr l-ispiża ta' dan it-tagħrif? Teżisti evalwazzjoni ta' l-ispiża sabiex jiġi mġharraf il-pubbliku? Dan it-tagħrif jiġi magħmul disponibbli minnufih lill-pubbliku u kif inhu mmonitorjat? Jiġu ċċekkjati l-kwalità u l-eżattezza ta' l-istrateġija tat-tagħrif lill-pubbliku b'mod regolari u kif?

⁽¹⁾ Jista' jiġi assunt illi stabbiliment għandu pjan intern ta' emerġenza meta l-awtoritajiet kompetenti, fuq il-bażi ta' eżami tar-rapport dwar is-sigurtà, ikollhom il-prova illi jeżisti pjan intern ta' emerġenza. Għajr jekk elementi oħra jindikaw xorta oħra, irid jiġi assunt illi stabbiliment ma għandu l-ebda pjan intern ta' emerġenza jekk ma jkunx intbagħat ir-rapport dwar is-sigurtà, jew jekk ir-rapport dwar is-sigurtà ġie eżaminat u ma jagħtix prova ta' l-eżistenza ta' pjan intern ta' emerġenza. Fil-każijiet fejn ir-rapport dwar is-sigurtà jkun ġie rċevut iżda għadu mhux eżaminat, is-sitwazzjoni trid tiġi kkwalfikata bħala "taħt stima".

7. **Projbizzjoni ta' l-użu**

1. X'inhuma l-istrumenti differenti ta' sfurzar li jistgħu jintużaw fil-każ ta' ksur tal-leġislazzjoni? (azzjonijiet amministrattivi legali, penali finanzjarji, il-projbizzjoni ta' l-użu riferit fl-Artikolu 17 eċċ.).
2. F'kemm-il każ ġie użat kull wieħed minn dawn l-istrumenti?

8. **Spezzjoni**

- (a) Agħti veduta ġenerali ta' l-istrateġija u l-mezzi ta' l-ispezzjon, inklużi l-istima bejn wieħed u ieħor tas-siegħat totali għal kull persuna ta' l-ispettorat, it-tweġġ tal-ħtiġiet stabbiliti bid-direttiva, il-kompiti ta' l-ispetturi u l-kwalifiki minimi tagħhom.
- (b) Għal kull waħda mit-tliet snin koperti bil-perjodu taż-żmien tar-rappurtaġġ, kemm-il stabbiliment ta' l-indana ta' fuq ġie spezzjonat mill-inqas darba ⁽¹⁾?
- (c) Għal kull waħda mit-tliet snin koperti bil-perjodu taż-żmien tar-rappurtaġġ, kemm-il stabbiliment ta' l-indana ta' taħt ġie spezzjonat għall-inqas darba?
- (d) Kemm-il stabbiliment ta' l-indana ta' fuq ma ġiex spezzjonat għall-inqas darba matul it-tliet snin 2003, 2004 u 2005?
- (e) Kemm-il stabbiliment ta' l-indana ta' taħt ma ġiex spezzjonat għall-inqas darba matul is-snin 2003, 2004 u 2005?

9. **Il-portijiet u ż-żoni fejn jinżammu l-vetturi (mhux obbligatorju)**

B'rigward mistħoqq għat-Trattat u skond il-leġislazzjoni rilevanti Komunitarja, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jadottaw il-miżuri approprijati għall-attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mat-trasport fil-baċini, il-mollijiet u ż-żoni fejn jinżammu l-vetturi, li huma esklużi minn din id-Direttiva, sabiex jiġi żgurat livell dwar is-sigurtà ekwivalenti għal dak stabbilit bid-Direttiva. Din il-mistoqsija mhux obligatorja timmira għalhekk sabiex tiskambja t-tagħrif dwar il-miżuri adottati u l-inċidenti maġġuri f'dan il-qasam.

- (a) Agħti stampa ġenerali tal-miżuri "li jixbhu lis-Seveso" (il-pjani esterni ta' emerġenza, il-pjanifikazzjoni ta' l-użu ta' l-art, it-tagħrif lill-pubbliku, eċċ.) li jistgħu jiġu applikati sa ċertu punt fil-portijiet u/jew iż-żoni fejn jinżammu l-vetturi.
- (b) Kemm għaww inċidenti maġġuri f'port skond il-kriterji tan-notifika ta' l-inċidenti kif speċifikat fl-Anness VI mad-Direttiva?
- (c) Kemm għaww inċidenti maġġuri f'żona fejn jinżammu l-vetturi skond il-kriterji tan-notifika ta' l-inċidenti kif speċifikat fl-Anness VI mad-Direttiva?

⁽¹⁾ Fil-mistoqsijiet 8(b), 8(c), 8(d) u 8(e), il-mod tal-kelma "spezzjonati" għandu x'jaqşam ma' l-ispezzjonijiet li jkunu wasslu għat-tħejja ta' rapport kif mitlub fl-Artikolu 18(2)(b).

It-tweġibiet numeriċi għall-mistoqsija għandhom jingħataw f'tabella skond il-mudell li ġej. It-tweġibiet numeriċi (imdawla b'kulur griż) għandhom jingħataw il barra mit-tabella.

		2003	2004	2005	
1. Tagħrif ġenerali					
L-Impatt ta' l-emendi tad-Direttiva	(a) L-awtoritajiet ta' l-infurzar u l-kompiti prinċipali tagħhom	Mhux numeriku			
	(bi) In-numru ta' l-istabbilimenti ta' l-indana ta' taħt	L-informazzjoni meħuda b'mod awtomatiku mid-database SPIRS, jekk it-tagħrif ikun disponibbli Għall-Istati Membri li ma pprovdex l-informazzjoni rilevanti, it-tweġibiet għall-mistoqsijiet (bi) sa (bviii) għandhom jingħataw għall kull sena tal-perijodu li jirraporta			
	(bii) In-numru ta' l-istabbilimenti ta' l-indana ta' fuq				
	(biii) L-istabbilimenti "mhux tas-Seveso" li nġhaqdu mal-kategorija "indana ta' taħt"				
	(biv) L-istabbilimenti "mhux tas-Seveso" li nġhaqdu mal-kategorija "indana ta' fuq"				
	(bv) L-istabbilimenti ta' l-indana ta' taħt li nġhaqdu mal-kategorija "indana ta' fuq"				
	(bvi) L-istabbilimenti ta' l-indana ta' taħt li m'għadhomx iktar stabbilimenti "tas-Seveso"				
	(bvii) L-istabbilimenti ta' l-"indana ta' fuq" li saru ta' l-"indana ta' taħt"				
(bviii) L-istabbilimenti ta' l-"indana ta' fuq" li m'għadhomx iktar 'tas-Seveso'					
2. Rapporti dwar is-sigurtà					
(a) L-istabbilimenti li għadhom ma ssottomettew l-ebda rapport dwar is-sigurtà	x	x	x		
(b) L-istabbilimenti li r-rapport tagħhom dwar is-sigurtà kien aġġornat għall-aħħar darba:					
(i) qabel l-1 ta' Jannar 2003					
(ii) matul is-sena 2003					
(iii) matul is-sena 2004					
(iv) matul is-sena 2005					
(v) mhux magħruf	x	x	x	x	
(c) Il-perjodu medju taż-żmien bejn meta ġie rċevut ir-rapport u l-komunikazzjoni tal-konklużjonijiet lill-operatur	Mhux numeriku				
Mhux Obligatori	(d) L-istabbilimenti li r-rapport tagħhom dwar is-sigurtà ġie aġġornat għall-aħħar darba:				
	(i) qabel l-1 ta' Jannar 2003				
	(ii) matul is-sena 2003				
	(iii) matul is-sena 2004				
	(iv) matul is-sena 2005				
	(v) Mhux magħruf				

		2003	2004	2005
3. Pjani ta' emerġenza				
(1)	L-istabbilimenti bl-ebda pjan ta' emerġenza	x	x	x
(2)	L-istabbilimenti bi pjan intern ta' emerġenza	x	x	x
(3)	Is-sitwazzjoni taħt stima rigward il-pjani interni ta' emerġenza	x	x	x
(4)	L-istabbilimenti bl-ebda pjan intern ta' emerġenza	x	x	x
(5)	Il-kriterji għat-tweqqif tat-test tal-pjan estern ta' emerġenza	Mhux numeriku		
(6)(7)(8)	Il-pjani esterni ta' emerġenza ttestjati għall-aħħar darba fi-sena korrenti	x	x	x
(9)	Il-każijiet meta l-awtoritajiet kompetenti ddeċidew illi ma ġiex prodott il-pjan estern ta' emerġenza	Ipprovdì valur numeriku u spjega addizzjonali jekk mhux 0.		
4. Effetti domino				
(a)	Tagħrif ġenerali ta' sfond.	Mhux numeriku		
(b)	Kemm huma l-gruppi ta' l-istabbilimenti?	x	x	x
Mhux obligatorji	(c) In-numru medju ta' l-istabbilimenti għal kull grupp	x	x	x
	(d) In-numru ta' l-istabbilimenti fl-iżgħar grupp	x	x	x
	(e) In-numru ta' l-istabbilimenti fl-ikbar grupp	x	x	x
(f)	L-istrateġija sabiex jiġi żgurat illi qiegħed jiġi skambjat it-tagħrif xieraq	Mhux numeriku		
5. Pjanifikazzjoni ta' l-użu ta' l-art				
	Tagħrif ġenerali ta' sfond dwar il-miżuri adottati	Mhux numeriku		
6. Tagħrif dwar il-miżuri dwar is-sigurtà				
(1)	L-istabbilimenti li għarrfu lill-pubbliku għal mill-inqas darba	x		
(2)	It-tagħrif magħmul disponibbli lil Stati Membri oħra	x	x	x
(3)	It-tagħrif irċevut minn Stati Membri oħra	x	x	x
(4)	L-istabbilimenti li mhux kapaċi joħlqu inċident maġġuri fi Stat Membru ieħor	x	x	x
(5)	L-istrateġija sabiex tgħarraf lill-pubbliku	Mhux numeriku		

	2003	2004	2005
7. Projbizzjoni ta' l-użu			
1. L-istrumenti differenti eżistenti ta' sfurzar	Mhux numeriku		
2. F'kemm-il każ intuża kull wieħed minn dawn l-istrumenti?			
1.	x	x	x
2.	x	x	x
3.	x	x	x
...			
	2003	2004	2005
8. Spezzjonijiet			
(a) Veduta ġenerali ta' l-istrateġija u l-mezzi għall-ispezzjon	Mhux numeriku		
(b) L-istabbilimenti ta' l-indana ta' fuq spezzjonati	x	x	x
(c) L-istabbilimenti ta' l-indana ta' taħt spezzjonati	x	x	x
(d) L-istabbilimenti ta' l-indana ta' fuq mhux spezzjonati matul it-tliet snin	x		
(e) L-istabbilimenti ta' l-indana ta' taħt mhux spezzjonati matul l-aħħar tliet snin	x		
9. Portijiet u żoni fejn jinżammu l-vetturi (mhux obbligatorju)			
(a) Veduta ġenerali tal-miżuri "li jixbhu lil tas-Seveso".	Mhux numeriku		
(b) L-inċidenti maġġuri fil-portijiet.	x	x	x
(c) L-inċidenti maġġuri fiż-żoni fejn jinżammu l-vetturi.	x	x	x